MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**MARIA KARLSSON**

Seduta ta' l-10 ta' Jannar, 2011

Talba Numru. 912/2010

**Vodafone Malta Limited (C-10865)**
**Vs**
**Robert Cilia (K.I. 502976M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz li permezz tieghu s-socjeta’ attrici talbet hlas ta’ sitt mija, wiehed u sebghin ewro u disgha u ghoxrin centezmu (€671.29) rapprezentanti bilanc ta’ prezz dovut mill-istess konvenut lis-socjeta’ attrici a bazi ta’ ftehim bejn il-kontendenti (dokument ‘A’ ta’ rendikont anness mat-talba) ghal servizzi u prodotti provduti lill-istess intimat.

Illi l-intimat gie nterpellat diversi drabi sabiex ihallas il-pagament effettiv izda dan baqa’ inadempjenti u ghalhekk l-ammont ghadu dovut sal-lum.

Bl-ispejjez, inkluz dawk tal-mandat ta’ sekwestru 2465/10 u bl-imghax legali mid-data ta’ dan l-avviz sad-data tal-

pagament effettiv kontra l-konvenut li minn issa huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Ra mill-atti li l-konvenut deher fis-seduta .

Illi t-Tribunal jidhirlu li l-konvenut naqas milli jipprova il-kaz tieghu quddiem dan it-Tribunal.

Ghaldaqstant, fic-cirkostanzi, t-Tribunal jiddeciedi billi jilqa' t-talba ghall-ispejjez bl-interessi mid-data tas-sentenza sal-pagament effettiv.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------